

Londra, 29 ta' Mejju 2009
Dok. ta' Ref. EMEA/410313/2009
EMEA/H/C/1052

**Mistoqsija u tweġiba dwar l-irtirar tal-applikazzjoni għat-tqegħid fis-suq
għal
Clopidogrel Teva Pharma
clopidogrel**

Fit-22 t'April 2009, Teva Pharma B.V. *għarrfet uffiċjalment* lill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) bl-intenzjoni li tirtira l-applikazzjoni tagħha għall-modifika fl-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq għal Clopidogrel Teva Pharma, għal prevenzjoni ta' każijiet aterotrombotiċi f'pazjenti li għandhom infarti mijokardijaçi, puplesija iskemika jew mard periferiku stabbilit tal-arterji.

X'inhu Clopidogrel Teva Pharma?

Clopidogrel Teva Pharma huwa mediċina li fiha s-sustanza attiva clopidogrel. Hija disponibbli f'pilloli (75 mg).

Clopidogrel Teva Pharma ġie żviluppat bħala 'mediċina ġenerika'. Dan ifisser li Clopidogrel Teva Pharma huwa simili għall-'mediċina ta' referenza' diġà awtorizzata fl-Unjoni Ewropea (UE) bl-isem Plavix. Għall-aktar informazzjoni dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument mistoqsija u tweġiba [hawn](#).

Għal xiex kien mistenni li jintuża Clopidogrel Teva Pharma?

Clopidogrel Teva Pharma kien mistenni li jintuża f'pazjenti adulti biex jipprevjeni każijiet aterotrombotiċi (problemi li jirriżultaw minn demm magħqud u t-twebbis ta' l-arterji). Kellu jintuża f'pazjenti li reċentement kellhom infart mijokarijaku (attakk tal-qalb) jew puplesija iskemika (puplesija bla emoraġġija) jew f'pazjenti b'mard periferiku fl-arterji (problemi fil-fluss tad-demm fl-arterji).

Kif kien mistenni li jaħdem Clopidogrel Teva Pharma?

Clopidogrel Teva Pharma kien mistenni li jaħdem bl-istess mod bħala mediċina ta' referenza, Plavix. Is-sustanza attiva fi Clopidogrel Teva Pharma u fi Plavix, clopidogrel, hu inibitur tal-aggregazzjoni tal-pjastrini (*platelets*). Dan ifisser li jgħin biex jimpedixxi d-demm milli jaghqud. Meta d-demm jaghqud, dan jiġri minħabba çelloli speçjali fid-demm imsejħa pjastrini, li jeħlu ma' xulxin (jaggregaw). Clopidogrel iwaqqaf il-pjastrini milli jaggregaw billi jimblokka sustanza imsejħa ADP milli tingħaqad ma' riċettur speçjali preżenti fuq is-superficije tagħhom. Dan iwaqqaf il-pjastrini milli 'jeħlu'.

Dan inaqas ir-riskju li jifforma embolu u jgħin biex jimpedixxi attakk tal-qalb ieħor jew puplesija oħra.

X'dokumentazzjoni ppreżentat il-kumpanija għas-sostenn tal-applikazzjoni tagħha lis-CHMP?

Minħabba li Clopidogrel Teva Pharma ġie żviluppat bħala mediċina ġenerika, il-kumpanija ppreżentat ir-riżultati tal-istudji li saru sabiex jinvestigaw dwar jekk huwiex 'bijoekwivalenti' għal mediċina ta' referenza. Żewġ mediċini huma bijoekwivalenti meta jipproduçu l-istess livelli ta' sustanza attiva fil-ġisem.

Sa fejn kienet waslet l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni meta din ġiet irtirata?

L-applikazzjoni kienet waslet f'jum 177 meta l-kumpanija rtiratha. Wara li s-CHMP kien ivvaluta t-tweġibiet mill-kumpanija għal lista ta' mistoqsijiet, kien għad baqa' xi kwistjonijiet pendenti li baqgħu ma ġewx solvuti. Is-CHMP normalment jieħu sa 210 ijiem biex jevalwa applikazzjoni ġdida. Fuq il-

bażi tar-reviżjoni tad-dokumentazzjoni inizjali, is-CHMP jħejji lista ta' mistoqsijiet fil-jum 120, li mbagħad tintbagħat lill-kumpanija. Ladarba l-kumpanija tkun ippreżentat it-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet imressqa, is-CHMP jirrevedihom u jista', qabel ma jagħti opinjoni, iressaq xi mistoqsijiet oħra fil-180 jum. Wara l-opinjoni tas-CHMP, il-Kummissjoni Ewropea normalment iddum madwar xahrejn sakemm toħroġ l-awtorizzazzjoni.

X'kienet ir-rakkomandazzjoni tas-CHMP dak iż-żmien?

Ibbażat fuq analiżi tad-dejta u t-tweġiba tal-kumpanija għal-listi ta' mistoqsijiet tas-CHMP, fi żmien l-irtirar, is-CHMP kellu xi tħassib u kien tal-opinjoni provviżorja li Clopidogrel Teva Pharma ma setax jiġi approvat għal prevenzjoni ta' każijiet *aterotrombotiċi f'pazjenti li għandhom infarti mijokardijaċi, puplesija iskemika jew mard periferiku stabbilit tal-arterji*.

X'kien it-tħassib ewlieni tas-CHMP?

Is-CHMP ikkonkluda li l-istudji ppreżentati ma tawx biżżejjed evidenza li turi li Clopidogrel Teva Pharma kien bijoekwivalenti għall-mediċina ta' referenza Plavix. F'dan iż-żmien, il-CHMP kien ta' l-opinjoni li Clopidogrel Teva Pharma ma setax jiġi kkunsidrat bħala mediċina ġenerika ta' Plavix, il-prodott mediċinali ta' referenza.

X'kienu r-raġunijiet mogħtija mill-kumpanija għall-irtirar ta' l-applikazzjoni?

L-ittra mill-kumpanija li tgħarraf lill-Aġenzija dwar l-irtirar tal-applikazzjoni hija disponibbli [hawn](#).